# Għaqda Poeti Maltin

(f'Għeluq it-Tletin Anniversarju: 1975-2005)

**B'dedika:**
Lill-President, is-Sur Alfred Massa, lill-kumitat u lill-membri tal-Għaqda.

Mons. Amante Buontempo silet randa
u twieldet l-Għaqda bid-dehen ta' ħsieb ir-ruħ.
Għadha tħaddar werqa werqa l-girlanda
madwar pinna mistrieħa fuq ktieb miftuħ.

Il-pinna setgħana tal-moħħ u ta' l-id
tħażżeż għerf il-ħsieb tal-poeti mġarrbin.
Vrus għonja jagħtu ħajr, iroddu lis-Sid,
jidwu leħen ġensna f'siegħat imkarrbin.

Il-ktieb u l-Versi tal-Għaqda mwaħħda sfiq
nisġa ta' ħila w don f'antaloġija,
kull folja tkattar volum iwitti t-triq
lejn ġejjien jisboq b'riżq il-poeżija.

*Laurus Nobilis*, tletin klil mislutin,
jagħtu ġieħ, lill-Għaqda Poeti Maltin.

Raymond Grech
*1 ta' Marzu 2005*
Tas-Sliema.

Din il-Poeżija inqrat u ġiet ippreżżentata mill-awtur lill-Mons, G. Zammit, Kanċillier ta' l-Arċidjoċesi ta' Malta nhar is-Sibt, 15 ta' Ottubru waqt *Serata ta' Poeżija u Mużika f'ġieħ Mons. Amante Buontempo* fl-okkażjoni tat-30 anniversarju mit-twaqqif ta' l-Għaqda Poeti Maltin, fis-Sala tas-Soċjetà ta' l-Arti, Manifattura u Kummerċ, Triq ir-Repubblika, il-Belt. Mons, G. Zammit, wara ippreżżenta l-Poeżija lill-President tal-Għaqda is-Sur Alfred Massa.

